**Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin (25) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati għal-Laqgħa:***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |

Is-Sindku ppreżentat ittra hawn annessa mibgħutha mill-Viċi-Sindku fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba eżami mediku, email hawn annessa mibgħutha mill-Kunsillier Alfred Grima fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba mpenji ta' safar u email hawn annessa mibgħutha mill-Kunsillier Alex Bezzina fejn skuża ruħhu li jista' ma jlaħħaqx jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba mpenn ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta dawn ir-raġunijiet. Skużati mil-laqgħa

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erba' u Għoxrin (24) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tal-Erbgħa u Għoxrin (24) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Wara li saru l-korrezzjonijet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 24

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 24)**

2.01 It-tiġdied tal-website tal-Kunsill ġie imħallsa għal erba' snin bil-quddiem. Il-Kunsill approva. Website

2.02 L-offerent Anthony Frendo appella mid-deċiżjoni tal-Kunsill għal din l-offerta. L-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini

2.03 Il-ħaddiema taċ-ċentru ser jibdew jaħdmu mill-kwartieri tal-iskawts. Jekk isibu post adekwat, minflok il-*premises* li minnhom qegħdin joperaw bħalissa l-iskawts lesti li jċedu dan il-post għall-użu tagħhom. Ċentru ta' Matul il-Jum

2.04 Se tissejjaħ laqgħa bejn il-Kunsill, l-avukat u l-kuntrattur. 5% *management fee*

2.05 L-ispettur Bond ċempel lis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurmaha li meta mar fuq il-post, hekk kif tah struzzjonijiet is-Supretendent Bonello, wara li ntbagħtet it-tieni email mill-Kunsill li wħud mis-sandwich boards ma tneħħewx, sab l-istabbiliment magħluq. Il-Kunsill qabel li l-ispettur għandu jispezzjona l-istabbilimenti kollha. *Sandwich Boards*

3.00 **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/8867/09/I:** Il-Kunsill approva li minflok Triq l-Erba' Ankri li ma ġietx aċċettata mill-bord ta' tismija tat-toroq abbażi li teżisti Triq l-Ankri fil-lokalita u li tista' toħloq konfużjoni, it-triq għandha tissemma' Triq Pavlvs. It-tieni preferenza hi Triq l-Ewropa. Isem ta' Triq

3.02 **Ref:55/9203/09/:** Il-Kunsill ġie ddikjarat ir-rebbieħ tal-*European Enterprise Award* fuq bażi nazzjonali bit-tema *Improving the Business Environmet* u issa se jikkompeti fuq livell ewropew. Is-Sindku Graziella Galea irringrazzjat lill-Kunsillier Peter Abela u lis-Segretarju Eżekuttiv li kkowordinaw din l-applikazzjoni. *European Enterprise Award*

3.03 **Ref:55/0004/09/I:** Il-kunsilliera ġew infurmati li b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 mhux se jingħataw rifużjoni ta' spejjeż, iżda allowance kull sitt xhur ibbażata fuq l-attendenza tal-laqgħat. Kunsilliera li jixtiequ jkunu skużati minn xi laqgħa għandhom jagħmlu dan bil-miktub. Kull kunsillier ingħata email account sabiex kull-posta tintbgħatlu b'mod elettroniku mill-Kunsill. Il-kunsilliera jistgħu jattendu kors organiżżat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Memos 89/2009 u 1/2010

* Il-Kunsillier Martin Zerafa daħal fil-kamra.

3.04 **Ref:55/0052/09/I:** Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni lill-kunsilliera sabiex jippreparaw il-proposti tagħhom għal meta jiġu mnehdija l-iskemi varji msemmija f'din il-memo (hawn annessa). Memo 90/2009 Fondi Speċjali

3.05 **Ref:55/0195/09/I:** Il-Kunsill approva li jinstalla dawl b'enerġija solari fil-bandli ta' Burmarrad fejn preżentement m'hemmx dawl, kif ukoll fuq l-erba' latrini tal-lokalita' li jinsabu fi Triq San Geraldu, faċċata tal-Bognor Restaurant, f'Ta' Fra Ben u fl-Olympic Gardens Xemxija, bl-ewwel preferenza tingħata lil dik ta' Triq San Geraldu. Memo 10/2010 Enerġija Solari

3.06 **Ref: 55/0233/09/I:** Il-Kunsilliera Alfred Grima u Ray Bartolo permezz ta' email ressqu proposta sabiex din l-iskema tintuża bħala parti mill-proġett fiż-żona taċ-ċentru ċiviku. Abbażi li din l-art mhix propjeta tal-Kunsill jew pubblika, il-Kunsill approva li jiġi nkluż il-proġett tal-ġnien propost fi Triq San Geraldu u proġett matul ix-xatt sal-Gillieru li għandu jikkumplimenta l-proġett li ser isir mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u jippreserva l-kultura Maltija li kienet teżisti f'din iż-żona. Ġie deċiż li l-perit jaħdem fuq din l-applikazzjoni. Memo 11/2010: ERDF Axis 2 – Pre-call għal proġetti b'aktar minn € 2 miljuni fil-qalba tal-lokalita.

3.07 **Ref:55/0288/09/I:** Is-Sindku Graziella Galea ipproponiet li jitħawlu siġar hekk kif ġej: Memo 12/2010: Taħwil ta' Siġar

Tletin (30) taż-żebbuġ għall-iskola Primarja Kulleġġ Marija Reġina. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier Frank Gauci ippropona li jitħawlu siġar hekk kif ġej:

Mosta Road fuq il-bankina minn fejn J&M sal-pompa, siġar li hemm neqsin fi Triq il-Pijunieri, xi qsari jew siġar fejn it-Torri Wignacourt ukoll pero jkunu ġo pots u jiżdiedu xi siġar fil-bandli tal-Veċċ. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier Ray Bartolo ippropona li jitħawlu siġar hekk kif ġej:

Fis-Central Strip ta' quddiem HSN Signs, fuq il-bankina ta' faċċata tal-Premier Garage, matul is-Central strip ta' quddiem il-grawnd tal-futbol ta' Burmarrad fuq il-biċċa ta' barra kif ukoll jiġu rriplessjati s-siġar nieqsa ta' fuq iz-zuntier tal-parroċċa. Il-Kunsill approva.

Proposti għal postijiet oħra fejn jistgħu jitħawlu siġar għandhom jintbagħtu immedjatament.

| | | |
|---|---|---|
| 3.08 | **Ref:55/0066/09/I:** Il-Kunsill approva li fil-21 ta' Frar 2010 jorganizza mixja sponsorjata bi premjijiet għal min jiġbor l-aktar flus mill-Gillieru sa Ta' Fra Ben, bil-kollaborazzjoni tal-SASG, sabiex jiġbru fondi għall-istess għaqda. | SASG |
| 3.09 | **Ref:55/8529/09/I:** Il-Kunsill approva li s-Sur Chris Borg Cardona jipparkja l-luzzu tiegħu ħdejn il-Menqa sa April/ Mejju 2010 sakemm issirlu l-manutenzjoni meħtieġa b'kundizzjoni li jżomm iż-żona nadifa u bla periklu. | Luzzu ħdejn il-Menqa |
| 3.10 | **Ref:55/8529/09/I:** Il-Kunsill għandu żewġ mobile toilets taħt Misraħ il-Bajja, wieħed ħdejn il-venda u ieħor ħdejn Kennedy Grove. Il-Kunsill talab niċċekkjaw jekk hemmx oħrajn fil-venda. | Mobile Toilets fil-lokal |
| **4.00** | **Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol** | |
| (a) | L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Diċembru ammontat għal €192,952.40. | Rendikont ta' Dħul ta' Fondi |
| (b) | L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2009/ Jannar 2010 ammontat għal €80 268.24 li ġiet approvata hekk kif ippreżentata. Ġiet ippreżentata wkoll skeda addizzjonali li ammontat għal €13,061.47. Ġie nnutat li item 884 ġie mniżżel doppju u ġie kkanċellat.<br><br>Din l-iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata. | Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi |
| (c) | Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Novembru 2009 li ammontat għal €3 724.90. | Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol |

**5.00 Estimi Finanzjarji Settembru 2009 – Diċembru 2009**

Wara li saru l-kjarifikazzjonijiet mitluba, ġew approvati l-estimi finazjarji Settembru '09-Diċembru '09 wara li saru aġġustamenti f'nota Nru 5 li jirrigwarda dħul minn fondi speċjali fuq manutenzjoni ta' toroq li ghandhom jirriflettu dħul u ħruġ.

**6.00 Budget għas-Sena Finanzjarja 2010**

Il-budget għas-Sena Finanzjara 2010 ġie approvat hekk kif ippreżentat wara li saru xi aġġustamenti fuq nota Nru 5 fl-estimi finanzjari ta' Settembru – Diċembru 09.

Gie deċiż li mill-allokazzjoni tal-*Construction* ikun hemm riżerva ta' fondi għall-monument tan-Nawfraġju ta' San Pawl li għandu jitpoġġa fir-roundabout ta' Erba' Mwieżeb.

Il-Kunsillier Peter Abela faħħar lis-Sindku, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-*Accountant* għal mod għaqli kif mexxew il-fondi matul din is-sena finanzjarja.

**7.00 Lagħqa Annwali tal-Lokalita'**

Fil-*Powerpoint Presentation* li ġiet approvata hekk kif ippreżentata għandha tiżdied iż-żjara tal-Arċisqof fil-lokalita' u r-rappreżentant Taljan mill-Vatikan. Ġie deċiż li l-laqgħa ser issir fil-31 ta' Jannar 2010 fis-sala tal-Paroċċa ta' Burmarrad bejn 10.00am u 12.00pm. Jekk wieħed iħoss li għandha tizdied xi ħaġa, għandu jagħmel dan billi jikkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv.

**8.00 Kwotazzjonijiet**

a) Welcome Boards

Peress li daħlet kwotazzzjoni waħda ġie deċiż li din taqa' u tinħareġ sejħa oħra.

b) Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

Il-Kunsillier Martin Zerafa informa lill-Kunsill li rappreżentati mill-kumpanija 2EXEL ser jiġu aktar

tard jagħmlu preżentazzjoni fuq servizzi li joffru sabiex jiġi kkunsidrat mat-tlett kwotazzjonijiet oħrajn mitfuha. Il-Kunsill qabel.

c) Risk Assessment għall-Uffiċini tal-Kunsill

Dan l-Item ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

d) Sand Blasting

Intefgħet kwotazzjoni waħda ta' Metal Innovation Ltd. għal prezz ta €27 ta' kull metru VAT inkluż. Gie deċiż li ngħadduha lill-Uffiċċjal tat-taqsima tax-xogħolijiet pubbliċi għall-parir tekniku u li jsiru kjarifikazzjonijiet dwar din ir-rota.

**9.00 Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Inġibdet l-attenzjoni li l-kirja tiskadi fi ftit xhur oħra. Infetħet il-kaxxa tal-offerti li kien fiha tlett espressjonijiet ta' interess hekk kif ġej:

- **Domnic Cassar**: Domnic House, Triq Parades, San Pawl il-Baħar, li lest li jirranġa l-post sabiex jilħaq il-bżonnijiet tal-Kunsill inkluż li jżid sular ma' dak eżistenti inkluż *lift* u flat fuq kull naħa fl-ewwel sular.

- **Silvio Tonna**: Corner Plot, Triq il-Paroċċa, kantuniera ma' Triq Parades, San Pawl il-Baħar li tinkludi garaxx, 3 appartamenti kif ukoll l-arja.

- **Ray Borg**: Binja ta' Għoxrin metru kwadru, f'akkwata prominenti f'Bugibba, aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsill irċeva wkoll tlett espressjoni ta' interess oħra li waslu bl-idejn jew bil-posta hekk kif ġej:

- **Asvas Ltd & Ritemix (Gatt Bros.) Ltd** – bejgħ jew kiri ta' parti mill-kumpless f'Concordia Place, Triq il-Ħallel/Triq il-Pijunieri f'Bugibba li tkopri 360 metru kwadru li tinkludi *lift* u taraġ privati u użu mhux ta' kuljum tal-entratura komuni u tal-pjazzetta. Jipprovdu wkoll bejgħ jew kera ta' parkeġġl tal-garaxx.

- **Nicola Romano** – Post terran fi Triq il-Ħġejjeġ kantuniera ma' Triq Damasku b'garaxx taħtu, livell mat-triq aċċessibli minn Triq Damasku.

- **Maria Dolores Grima** – Le Papillon Bar & Restaurant, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar, għall-użu bħala Centru ta' Matul il-Jum.

Gie deċiż li s-Sotto Kumitat iffurmat mis-Sindku, il-Kunsilliera Jason Camilleri, Mario Camilleri, Frank Gauci, u Raymond Tabone għandhom jiltaqgħu biex jaraw dawn il-postijiet u jippreparaw it-*terms of reference* sabiex tinħareġ l-offerta mill-iktar fis-possibli.

**10.00 Espressjoni ta' Interess għall-Funtana ta' Burmarrad**

Intefgħet espressjoni ta' interess waħda mingħand AFS Ltd, Mdina Road, Attard li għandha tiġi mogħtija lill-Kunsillier Ray Bartolo għall-kunsiderazzjoni tiegħu u jevalwa jekk għandhiex tinħareġ offerta jew kwotazzjoni.

**11.00 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema Klerikali**

Il-Kunsill approva li jingħata full performance lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema klerikali kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv f'isimha u f'isem il-ħaddiema irringrazzjat lill-Kunsill tal-apprezzament ta' xogħolhom.

**12.00 Attivita' Kulturali għal Frar 2010: L-400 Anniversarju tat-Torri Wignacourt**

Is-Sindku Graziella Galea iddeskrivit il-program ta' din l-attivita':

**Il-Ħadd 7 ta' Frar:** Bidu fl-10.30 am: Tieġ Malti, żfin folkloristiku, *re-enactment* tal-Kavallieri, ser ikun hemm tinda kbira b'diversi stalls ta' ikel u ħelu malti, wirja ta' għodod Maltin, ħxejjex u frott mil-lokal u affarijiet tradizzjonali oħra.
**It-Tnejn 8 ta' Frar:** Fid-9.00 am żjara lill-ħames torrijiet fit-Tramuntana ta' Malta.
**It-Tlieta 9 ta' Frar:** Fis-6.00pm diskussjoni u informazzjoni fuq it-Torri Wignacourt.
**L-Erbgħa 10 ta' Frar:** Fl-10 am *Re-enactment* tal-Kavallieri segwit minn quddiesa, purċissjoni tradizzjonali u ħuġġieġa.

Is-Sindku Graziella Galea irringrazzjat lill-Kunsillier Frank Gauci, lill-Kumitat tal-festa u lil Din l-Art Ħelwa għall-għajnuna li qed joffru sabiex din l-attivita' tkun possibbli.

**13.00 Karnival 2010**

Il-Kunsill approva l-proposta imressqa mill-Kunsillier Frank Gauci sabiex tittella' attivita tal-karnival għas-sena 2010 f'San Pawl il-Baħar bi programm ippreparat mil-Leon Promotions. Il-Kunsill approva li l-ispiża ma għandiex t'aċċedi €3.000.

**14.00 Aġġornamenti**

**Is-Sindku Graziella Galea**

14.01 Infurmat lill-Kunsill li sar meeting mas-Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sport dwar il-kumpless sportiv propost. — Kumpless Sportiv

14.02 Infurmat lill-Kunsill li nbidel l-indirizz tal-email tal-Kunsill li sar sanpawlil-bahar.lc@gov.mt. Il-Kunsill talab li niċċekkjaw mal-MITTS jekk posta mibgħutha fl-indirizz ta' qabel tiġix *diverted* jekk le għandhom jiġu pprintjati mill-ġdid il-*business cards* b'mod proporzjonali għall-perjodu għal żmien il-leġislatura li fadal. — E-mail ġdid tal-Kunsill

14.03 Irreferit għall-ikla approvata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Mario Camilleri wera' ix-xewqa li għall-ikla ikun hawn il-kunsilliera kollha u niċċekkjaw meta ser jasal il-Kunsillier Alfred Grima. — Ikla

14.04 Infurmat lill-Kunsill li ser isir *launching* ta' inizjattiva ta' ġbir ta' batteriji fost l-istudenti tal-iskola primarja Kulleġġ Marija Reġina. Il-Kunsill għandu jgħin fl-inizjattivi bħal dawn. — Stedina

14.05 Infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill qed japplika għal-Eden *Award Tourism and Sustainable Development* bit-tema 'Is-Sena Pawlina'. — Eden Award

* Il-Kunsillier Alex Bezzina daħal fil-kamra.

14.06 Infurmat lill-Kunsill li qed naħdmu fuq idejat sabiex napplikaw għal proġett taħt il-European Social Funds, fejn kien hemm qbil li l-kunsilliera jissottomettu l-idejat tagħhom wara li tintbgħatilhom kopja tal-linja gwida. — European Social Funds

14.07 Il-Kunsill ġie t-tielet post f'din l-*award* ibbażata fuq il-Luljufest 2009 u ingħata € 5000 għal dan l-iskop. — *Local Enterprise Award*

14.08 Il-Kunsill Lokali Zgħazagħ, flimkien mas-Sindku, qed jiltaqa' kull ġimgħa sabiex ifasslu proġett. — Kunsill Lokali Żgħazagħ

14.09 Il-Kunsill applika sabiex issir attivita' *Science in the Community* fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar 85% co financed minn EU funds and 15% min-national funds. — Attivita'

14.10 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jiġbor stimi sabiex jiġi nstallat WIFI f'diversi żoni. Iż-żoni identifikati għandhom ikunu fil-Pjazza, il-Venda, il-Qawra, ħdejn it-Torri Wignacourt, ħdejn il-bandli Thalasselejn, f'Burmarrad, ħdejn il-knisja tax-Xemxija u Kennedy Grove. Il-Kunsill qabel. — Żoni għall-WIFI

14.11 Ser issir attivita' mill-*Malta Mini Owners Club* fejn ser jesebixxu karozzi fil-Pjazza ta' Bugibba. — *Malta Mini Owners Club*

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

14.12 Irrefera għall-festin tal-Milied għat-tfal bi bżonnijiet speċjali tal-grupp STAND u qal li kien suċċess. — Grupp STAND

14.13 Irrefera għall-ingaġġ ta' *commuity worker* u propona li tinħareġ offerta peress li r-rata bażika għal dan is-servizz ta' għoxrin siegħa teċċedi l-ammont kopert bi kwotazzjoni. Dan is-servizz għandu jinkludi rapport ta' kull xahar lill-Kunsill sabiex inkunu nafu l-problemi tal-lokalita' mingħajr ma jingħataw dettalji minħabba l-att dwar protezzjoni tad-data. Il-Kuntatt mill-*community worker* għandu jsir mas-Sindku u mal-amministrazzjoni tal-Kunsill u mhux direttament mal-kunsilliera. — *Community Worker*

* Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.

14.14 Talab sabiex niċċekkjaw mad-Dipartiment ta' l-Artijiet lil min isejjaħ it-titlu tal-ġnien ta' quddiem il-Lukanda Dolmen u li jingħata kopja tal-kuntratt li hemm. — Titlu ta' ġnien quddiem id-Dolmen

14.15 Informa lill-Kunsill li *r-risk assessment* tal-bandli hekk kif mitlub mill-assikurazzjoni ġie mħejji u ser ilesti rapport sal-laqgħa li jmiss. — *Risk assessment*

14.16 Ir-rawndabawts tal-lokal fit-toroq maġġuri m'humiex responsabbilta' tal-Kunsill u għaldaqstant m'għandhomx jitniżżlu fil-*worksheet* għax m'humiex jitħallsu mill-Kunsill. — ELC

14.17 Ippropona li jinxtraw *speakers bl-amplifiers* li jammontaw madwar €300 sabiex fi żmien il-festi tal-Milied u l-Għid jintużaw sabiex ikun hemm kant abbinat mal-festi. Il-Kunsill qabel. — Xiri ta' *Speakers/ Amplifiers*

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

14.18 Ġibed l-attenzjoni li l-bandli ta' Burmarrad għadhom bla dawl, minkejja li l-kuntrattur ġie ikkuntatjat kemm il-darba. — Dawl bandli f'Burmarrad

14.19 Ippropona li jitpoġġew *mobile toilets* fejn il-bring-in-sites ta' Burmarrad b'tabelli adekwati ta' direzzjoni. — *Mobile Toilets*

14.20 Ġibed l-attenzjoni li l-funtana li kellu jaħdem fuqa l-kuntrattur għadha bla dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv gibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur għandu d-dawl tal-funtana iżda kien qed jistenna sakemm tiġi nstallata l-funtana l-oħra. Gie deċiż li l-kwotazzjoni għall-funtana għandha tinkludi d-dawl ukoll. — Dawl tal-funtana

14.21 Gibed l-attenzjoni li d-dawl ta' fejn l-iScotts minkejja d-diversi e-mails mibgħutha lill-Enemalta mill-Kunsill għadha ma ssewietx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħħar kommunikazzjoni li kellha nfurmawha li jista' jkun li ma għandhomx bozzoz ta' dan it-tip stokkjati u qed jistennew il-provista. — Dawl ta' fejn l-iScotts

**Il-Kunsillier Martin Zerafa**

14.22 Innota nuqqas ta' indafa mill-kennies fl-akkwata ta' Triq il-Ħallel. — Knis

14.23 Irrefera għall-art mitluqa ħdejn il-Lukanda Santana u ppropona li tinkiteb ittra lill-Go sabiex ineħħu l-ħmieġ li hemm ġo fiha wara li nkunu ċerti li din l-art tappartjeni lilhom. — Art ħdejn is-Santana

14.24 Ippropona li terġa' tinġibed l-attenzjoni lill-Ispettur tal-lokal li s-*sandwich boards* fejn Ta' Fra Ben għadhom hemm. — *Sandwich Boards*

**Il-Kunsillier Peter Abela**

14.25 Ippropona li l-Kunsill jalloka €20 000 sabiex jinxtara dawl tal-Milied. Il-Kunsill approva. Dawl tal-Milied

14.26 Ippropona li fl-1 ta' Mejju tibda' issir attivita' imsejħa Brass Band Europe Day, fejn nistaqsu lill-ambaxxati jipparteċipaw bla ħlas u jikkompetu bejniethom. Jekk ma tirnexxix jista' jittella' Jazz Festival fl-istess ġurnata. Jekk tirnexxi l-Jazz Festival isir darb'oħra. Il-Kunsill qabel. Brass Band Europe Day

14.27 Ippropona li tittella' wirja tal-arti tal-melħ kif ukoll tal-figolli fi żmien il-Għid. Il-Kunsill qabel. Attivita'

14.28 Il-Wardijafest ser issir fil-11 ta' April 2010 u ppropona li t-traffiku jitla' minn Burmarrad u joħroġ minn naħa tal-Imġarr. Il-Kunsill qabel. Wardijafest

14.29 Ippreżenta l-proposti hawn annessa ta' fejn jistgħu jitpoġġew is-siġar tal-Milied mixtrija għall-okkażjoni. Il-Kunsill approva. Siġar tal-Milied

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

14.30 Ippropona li għandu jsir kalendarju tal-attivitajiet li jiġu organizzati mill-għaqdiet sabiex dawn ma jaħbtux ma' xulxin. Ktieb tal-attivitajiet

14.31 Ippropona li l-Kunsill u l-kumitat Festa jorganizza *treasure hunt* madwar Malta, fejn il-Kunsill għandu jħallas it-trofej tar-rebbieħa. *Treasure Hunt*

Il-Kunsill approva dawn il-proposti.

**Il-Kunsillier Alex Bezzina**

14.32 Gibed l-attenzjoni li fi triq l-Ankri hemm Fiat Ritmo li għandha l-liċenzja skaduta. Vettura abbandunata

14.33 Gibed l-attenzjoni li l-iskart fl-inħawi ta' fejn Piscopo ma nġabarx. Skart

**15.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fit-8.10pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 4 ta' Frar 2010.

***Perit Graziella Galea B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.***
***Sindku***

***Rose Camilleri DPA***
***Segretarju Eżekuttiv***

20 ta' Jannar 2010

ref: 55/ 0437 / 09/ Orc